MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 216/1997/1

Loreto Portelli .

vs

Teddy Portelli ;
Joseph Portelli ;
Violet mart Edward Abela ;
U b'degriet tat-3 ta' Dicembru, 1997, l-avukat Dr. Alfred Grech gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Edgard Portelli u lill-istess Matuhsalem sive Matu Pantallaresco ghan-nom tal-istess Mary Pantallaresco .

Il-Qorti ,

Rat ic-ċitazzjoni li permezz taghha l-attur,wara li ppremetta :

Illi l-genituri tieghu Pawlu maghruf bhala Carmelo Portelli u Kristina nee' Debono, mietu rispettivament fit-tnax (12)

ta’ Settembru elf disa’ mija hamsa u tmenin (1985) u hdax (11) ta’ april elf disa’ mija sebgha u disghin (1997) ;

Illi missierkom Carmelo Portelli rregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta’ testment unika karta ma’ martu, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-sitta (6) ta’ April elf disa mija erbgha u tmenin (1984) fejn wara li ħalla xi prelegati nnomina eredi tieghu universali lis-sitt (6) uliedu, il-kontendenti ;
Illi Cristina Portelli rregolat is-successjoni taghha bl-imsemmi testment kif emendat b’testment iehor fl-atti tal-istess Nutar tal-ewwel (1) ta’ Frar elf disa’ mija sitta u disghin (1996), li bis-sahha tieghu halliet lill-attur il-legittima lilu spettanti bil-ligi ;

Illi l-attur ma jridx jibqa’ aktar fi stat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni ta’ missieru; fil-waqt illi irid illi tithallas lilu l-legittima fuq il-wirt ta’ ommu; mentri l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw illi jersqu ghal tali divizjoni u hlas ta’ legittima .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Carmelo u Kristina Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f’zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta’ Carmelo Portelli u lill-assi partikolari ta’ Kristina Portelli ;

3. Tillikwida l-beni partikolari ta’ Carmelo Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waat it-trattazzjoni tal-kawza ;

4. Tiddividi dawn il-beni f’sitt (6) porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed kull wiehed u wahda mill-kontendenti ;

5. Tillikwida l-beni partikolari ta' Kristina Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

6. Tilliwida l-legittima dovuta lill-sttur fuq il-wirt ta' ommu billi tiddikjara illi tikkonsisti f'dodicesima parti (1/12) ta' dawn l-assi ;
7. Tikkundannakom thallsu lill-attur din il-legittima kif hekk likwidata ;

8. Tahtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum hin u lok ghal pubblikazzjoni tal-opportun att ta' divizjoni, u hlas ta' legittima; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att ;

9. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad .

Bl-ispejjez .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur, konfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Teddy Portelli, Joseph Portelli u Violet mart Edward Abela li eccepew :

1. Illi huma ma jopponux ghal likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarju ta' Carmelo Portelli u ghal hlas tal-legittima lill-attur lilu mhollija minn ommu, Cristina Portelli, basta pero' li fiz-zewg kazi jigi rispettat l-legat favur l-eccipjenti, Teddy u Joseph Portelli, ta' l-uzu w uzufrutt mholli lilhom mill-genituri fuq id-dar fejn joqghodu 22, Triq fuq l-Ghajn, Ghajnsielem .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Violet Abela .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mathusalem sive Matu Pantalleresco nomine li eccepixxa :

1. Illi d-divizjoni mitluba hija fl-interess tal-partijiet kollha u ghalhekk l-eccipjent nomine ma jopponix ruhu ghal din id-divizjoni purche' li qabel tigi verifikata l-konsistenza tal-assi in divizjoni u jsiru l-verifiki tal-kwoti li kull wiehed mill-partijiet fil-kawza ghandhom fl-assi in divizjoni li jigu stabiliti .

2. Illi l-partijiet l-ohra kollha u b'mod specjali l-konvenuta Violet mart Edward Abela jgibu lura l-flus u oggetti mobbli ohra kollha illi hija jew huma hadu permez ta' falsifikazzjoni ta' firem ta' whud mill-eredi u dan kif iddikjarat minnha stess f'ittra illi baghtet lill-imsiefer konvenut Edgard Portelli .

3. Illi bla pregudizzju u b'riserva li jgib eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt dwar il-fatti in kawza, l-eccipjent jirrimetti ruhu ghal provi kollha u a savju superjuri gudizzju ta' din il-Qorti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Alfred Grech nomine li eccepixxa :

1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi migjuba .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Frar 1998 fejn gew nominati l-avukat Dottor Kevin Mompalao bhala perit legali u l-A.I.C. Edward Scerri bhala perit tekniku .

Rat ir-rapport ta' l-esperti minnha nominati pprezentat fit-12 ta' Frar 2003 u minnhom mahluf fis-17 ta' Ottubru 2003 u s-6 ta' Frar 2004 rispettivament .
Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat il-verbal taghha tat-28 ta' Ottubru 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' missieru, li minnhom huwa wiret sest (1/6) indiviz, kif ukoll il-legittima mill-beni ta' ommu, fi kwota ta' wiehed minn tnax (1/12) il-parti, peress illi kienu sitt ahwa .

Irrizulta illi permezz tat-testment *unica carta* li kien sar mill-genituri tieghu fis-6 ta' April 1984[1], l-attur, flimkien mal-hames hutu l-ohra kien gie istitwit ko-eredi taghhom . Imma b'testment iehor li kienet ghamlet l-omm in segwitu ghall-mewt tar-ragel taghha, hija kienet emendat it-testment precedenti ghal dak li jirrigwarda sehemha u halliet lill-attur il-legittima lilu spettanti skond il-ligi[2] .

L-assi tal-mejjet Pawlu sive Carmelo Portelli, missier il-kontendenti proprio jew kif rapprezentati, gew stabiliti mill-esperti nominati mill-Qorti li kienu jikkonsistu fis-segwenti :

1. Nofs indiviz mid-dar residenzjali bin-numru tnejn u ghoxrin (22) Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, stmat dan is-sehem mill-perit tekniku tal-valur ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltija (Lm21,000)[3] ;

---

[1] Atti Nutar Dr. Micahel Refalo : Dok. J a fol. 17 tal-process .
[2] testmnet ta' l-.2.1996 in atti Nutar Dr. Michael Refalo a fol.19 .
[3] ara rapport peritali para. 49. a fol. 73 .

2. Sehemhu minn diversi depoziti bankarji u investimenti ohra, ammontanti ghal disa mija u ghaxar liri maltin u hamsin centezmu (Lm910.50)[4] ;
3. Sehmu mill-ghamara fid-dar residenzjali; din thalliet b'legat lill-udud mill-eredi li gia hadu l-pussess taghha .

L-assi tal-mejta Cristina Portelli, omm il-kontendenti, gew stabiliti li jikkonsistu fis-segwenti :

1. Nofs indiviz mid-dar residenzjali bin-numru tnejn u ghoxrin (22) Triq Fuq il-Ghajn, Ghansielem, Ghawdex, stmat dan is-sehem mill-perit tekniku tal-valur ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltija (Lm21,000)[5] ;

2. depoziti bankarji u investimenti ohra f'ammont totali ta' elf u erba' mitt lira maltija (Lm1400)[6] ;

3. sehemha mill-ghamara fid-dar,stmata tal-valur ta' disa' mitt lira maltija (Lm900).[7]

Il-kontendenti jidhru li qablu mal-konsistenza ta' dawn l-assi u l-valur attribwit lihom . Fejn hemm kontestazzjoni, huwa dwar il-konkluzjonijiet peritali fir-rigward ta' kif ghandha ssir id-divizjoni tal-beni tal-missier . Irrizulta illi lil dawk mill-ahwa li jkunu ghadhom ma zzewgux fl-epoka tal-mewt tas-superstiti fosthom u sakemm dawn jibqghu celibi, il-konjugi Portelli hallewlhom l-uzu u usufrutt tad-dar residenzjali taghhom[8] . Sa issa l-ahwa Joseph u Teddy Portelli ghadhom f'dan l-istat u allura ghandhon jedd igawdu minn dan il-legat . Il-perit legali jipproponi illi, peress illi sehem il-missier minn din id-dar mhux komodament divizibbli,[9] l-bejgh in licitazzjoni ta' dan is-sehem, ghandu jibqa' sospiz sakemm jispicca l-uzu u uzufrutt ezistenti a favur ta' l-imsemmija ahwa Portelli li ghadhom celibi, u dana sabiex ma jigix imminat l-istess

[4] ibid. para.50 a fol.74 .
[5] ara rapport peritali para. 49. a fol. 73 .
[6] ibid para. 87 a fol. 87 .
[7] ibid. para. 86 a fol. 87 .
[8] artikolu erbgha tat-testment unica carta tad-decujus a fol. 17 verso tal-process
[9] ara para. 49 tar-rapport peritali .

servitu'.[10] Imma kif sewwa jghidu l-kontendenti fin-noti ta' l-osservazzjonijiet taghhom, apparti li mhux lecitu li ssir divizjoni parzjali, kif donnu qed jipproponi l-perit legali, jekk mhux bil-kunsens tal-kondividenti kollha, m'ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghal dan il-bejgh sakemm jibqa' mhux mittiefes id-dritt ta' uzu u uzufrutt favur l-ahwa li ghadhom celibi . Dan tippermettieh il-ligi u nfatti l-attur jiccita mill-**Borsari** fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu fis-sens illi : "*Del resto la disponibilita' del proprietario e' piena in tutto quanto non ferisce il godimento dell'usufruttuario . Puo' alienare rispettando l'usufrutto, imporre delle servitu' a questa condizione*[11] . L-ghazla li taghti l-ligi bl-artikolu 621 tal-Kodici Civili lill-eredi soggett ghall-uzufrutt ta' haddiehor li jitlob minflok il-legittima, jekk jidhirlu li l-valur ta' l-uzufrutt ikun jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, m'ghandhiex tfisser, kif erronjament jikkonkludi l-perit legali, illi gialadarba l-attur ghazel li jaccetta l-wirt irid issa joqghod jistenna li jispicca l-uzufrutt qabel ma jista' jgawdi l-wirt tieghu . Din ix-xelta ghandha ghall-kuntrarju tfisser biss illi jista' jkun jaqbillu dan l-eredi li jaghzel li jiehu l-legittima, peress illi il-prezz fis-suq tal-proprjeta' hekk soggetta jista' jonqos drastikament minhabba tali servitu' .

Ghalhekk id-divizjoni tal-beni provenjenti lill-ahwa Portelli mill-eredita' ta' missierhom ghandha ssir billi :

1. fir-rigward tan-nofs indiviz mid-dar numru 22, Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, din tingieb ghall-bejgh in licitazzjoni, kif suggetta ghad-dritt ta' uzu u usufrutt ta' l-ahwa Joseph u Teddy Portelli, sabiex ir-rikavat, imbaghad jinqasam ugwalment bejn is-sitt ahwa; u

2. sehem id-*decujus* mir-rikavat tad-depoziti bankarji u investimenti ohra li kellhom il-konjugi Portelli, ammontanti dan is-sehem fis-somma ta' disa' mija u ghaxar liri maltin u hamsin centezmu (Lm910.50) ghandu jigi spartit ukoll ugwalment bejn is-sitt ahwa .

---

[10] ara rapport peritali para.69 a fol. 81 et seq .

[11] Luigi Borsari : Commentario del Codice Civile Italiano (ed. 1872) : Libro II, voce "Dell'usufrutto" para. 979 pag. 351 .

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-beni provenjenti mill-wirt ta' l-omm, l-attur qed jitlob biss il-legittima, ghax daqshekk thalla lilu bit-testment sussegwenti li ghamlet ommu . Anke f'dan ir-rigward kien ghalhekk zbaljat il-perit legali meta kkonkluda illi ghandha ssir il-licitazzjoni tan-nofs spettanti lil Christina Portelli mid-dar residenzjali, sabiex mir-rikavat tkun tista' tithallas il-legittima dovuta lill-attur[12] . Bhala legittimarju u mhux komproprjetarju ta' dan is-sehem, l-attur ma seta' qatt jitlob id-divizjoni jew bejgh in licitazzjoni ta' sehem ommu minn din id-dar, u infatti korrettament dan m'ghamlux fic-citazzjoni tieghu . Il-legittima dovuta lill-attur ghandha tithallas mill-eredi u m'hemmx ghalfejn tinbiegh l-ebda proprjeta' ghal dan il-ghan . Irid jinstab biss il-valur ta' din il-legittima, u ghalkemm l-artikolu 620(I) tal-Kodici Civili jistabilixxi illi "***l-legittima ghandha tinghata fi proprjeta' shiha, u testatur ma jista' jghabbiha b'ebda piz jew kondizzjoni",*** fil-kaz taghna billi hemm biss proprjeta' immobbli wahda, li kif gia inghad mhix komodament divizibbli, lill-attur ma tista' tinghata ebda proprjeta' in sodisfazzjon tal-legittima dovuta lilu . Ghandu necessarjament jinghata minflok kumpens monetarju, li jrid jinhadem fuq il-valur tad-dar in kwistjoni. Din id-dar giet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' tnejn u erbghin elf lira maltija (Lm42,000),[13] u dan naturalment minghajr ma jittiehed in konsiderazzjoni l-piz ta' servitu' li biha tinsab aggravata . Sehem l-omm minn din id-dar jigi ghalhekk illi huwa ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltija (LM21,000) .

Gia inghad illi bhala beni ohra Cristina Portelli gie stabilit li kellha elf u erba' mitt lira maltija (Lm1400) f'depoziti bankarji u investimenti ohra, kif ukoll nofs mill-ghamara fid-dar residenzjali tal-valur ta' disa' mitt lira maltija (Lm900) .

Jigi ghalhekk illi l-assi kollha taghha ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima dovuta lill-attur ilahhqu s-somma totali ta' : Lm21,000 + Lm1400 + Lm900 =

[12] ara para. 96 tar-rapport peritali a fol. 90 .
[13] ibid. para. 49 a fol. 73 .

Lm23,300. Billi l-attur kien wiehed minn sitt ahwa, l-legittima dovuta lilu hija ta' wiehed minn tnax (1/12) il-parti ta' dawn l-assi u cioe' : elf disa' mija wiehed u erbghin lira maltija u seba' u sittin centezmu (Lm1941.67) .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Pawlu sive Carmelo u Christina Portelli kienu jikkonsistu fid-dar numru 22, Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, id-depoziti bankarji u investimenti ohra indikati f'din is-sentenza u xi ghamara fid-dar imsemmija ;

2. tilqa' t-tieni talba ;

3. tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Carmelo Portelli billi tiddikjara li dawn jikkonsistu f'nofs indiviz mid-dar imsemmija, u nofs mid-depoziti bankarji u investimenti ohra li kellha l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejnu u martu fis-somma ta' disa' mija u ghaxar liri maltin u hamsin centezmu (Lm910.50) ;

4. tilqa' biss in parti r-raba' talba billi tiddividi s-somma ta' Lm910.50 bejn is-sitt ahwa ulied il-konjugi Portelli, kontendenti f'din il-kawza jew kif rappresentati ;

5. tilqa' l-hames talba, tillikwida l-beni partikolari ta' Christina Portelli u tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs indiviz tad-dar hawn fuq imsemmija, nofs id-depoziti bankarji u investimenti ohra gia appartenenti l-komunjoni ta' l-akkwisti u nofs mill-ghamara fid-dar residenzjali, ammontanti b'kollox ghal valur ta' tlieta u ghoxrin elf u tliet mitt lira maltija (Lm23,300) ;

6. tilqa' s-sitt talba u tillikwida l-legittima dovuta lill-attur fuq il-wirt ta' ommu billi tiddikjara illi din tikkonsisti f'dodicesima parti (1/12) ta' dawn l-assi u ghalhekk fis-somma ta' elf disa' mija wiehed u erbghin lira maltija u seba' u sittin centezmu (Lm1941.67) ;

7. tilqa' s-seba' talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil-attur din il-legittima kif hekk likwidata ;

8. tichad it-tmien talba billi l-unika beni mmobbli in divizjoni appartenenti lill-ererdita tal-mejjet Pawlu sive Carmelo Portelli mhix komodament divizibbli ;

9. tilqa' d-disa' talba u tordna l-bejgh in licitazzjoni tan-nofs indiviz mid-dar bin-numru tnejn u ghoxrin (22) Triq Fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, spettanti l-eredita' tal-mejjet Pawlu sive Carmlo Portelli, u dana kif soggetta ghall-uzu u usufrutt a favur tal-konvenuti Joseph u Teddy ahwa Portelli, bil-kundizzjonijiet espressi fit-testment unica carta tieghu tas-6 ta' April 1984, in atti Nutar Dottor Michael Refalo, sabiex ir-rikavat imbaghad jinqasam ugwalment bejn is-sitt ahwa Portelli kollha ulied il-mejtin Carmelo u Christina konjugi Portelli .

L-ispejjez, kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-divizjoni tal-beni ta' Carmelo Portelli, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti kollha, filwaqt illi fir-rigward tal-legittima dovuta lill-attur, l-ispejjez relattivi ikunu a karigu tal-konvenuti biss .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------